MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 1034/2011

**Atlas Insurance PCC Limited [C-5601]**

**vs**

**Credinvest International Corporate Finance Limited [C-21795]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elfejn tlett mija u erba' euro u tnejn u sittin centezmi ta' euro (€2304.62) liema ammont jirraprezenta premia in konessjoni mal-hrug ta' poloz ta' assikurazzjoni fuq struzzjonijiet tas-socjeta konvenuta bin-numri 083545-010-001, 083545-600-001, 083545-700-001 u 083545-830-001 ghall-perjodu bejn id-9 ta' Jannar tas-sena 2010 u t-8 ta' Jannar tas-sena 2011.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba

odjerna nhar il-5 ta’ Jannar, 2012, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal nhar il-31 ta’ Jannar, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici nhar il-31 ta’ Jannar, 2012 u l-fatt li s-socjeta konvenuta jew rapprezentant taghha naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra ukoll id-dokumenti esebiti ma’ l-avviz in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ elfejn tlett mija u erba’ euro u tnejn u sittin centezmi ta’ euro (€2304.62), bl-imghax mid-data tal-prezentata tat-Talba odjerna.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------